MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Avviz Numru. 404/2005

**Vella Falzon Building Supplies Ltd (C 22707)**

**Vs**

**Paul Zammit ID 67767 (M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf sitt mija u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1640.45) oltre l-imghax legali rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta' attrici izda li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 2005. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess

ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fid-19 ta' April 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1640.45,0 bl-imghax legali mill-21 ta' Frar 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------